# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE, Euratom) 2019/311

## tad-19 ta' Frar 2019

## li taħtar żewġ membri, proposti mir-Renju tad-Danimarka, fil-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 302 tiegħu,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 106a tiegħu,

Filwaqt li kkunsidra l-proposta mill-Gvern Daniż,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Fit-18 ta' Settembru 2015 u fl-1 ta' Ottubru 2015, il-Kunsill adotta d-Deċiżjonijiet (UE, Euratom) 2015/1600 ([1]) u (UE, Euratom) 2015/1790 ([2]) li jaħtru l-membri tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew għall-perijodu mill-21 ta' Settembru 2015 sal-20 ta' Settembru 2020. Fis-16 ta' Frar 2016, bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/229 ([3]), is-Sinjura Marie-Louise KNUPPERT ġiet sostitwita mis-Sur Arne GREVSEN bħala membru.

(2) Konsegwentement għal tmiem il-mandat tas-Sur Bernt FALLENKAMP, sar vakanti s-siġġu ta' membru fil-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew.

(3) Konsegwentement għal tmiem il-mandat tas-Sur Arne GREVSEN, sar vakanti s-siġġu ta' membru fil-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Dawn li ġejjin huma b'dan maħturin membri tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fl-20 ta' Settembru 2020:

— Is-Sinjura Dorthe ANDERSEN, *Head of Danish Trade Union EU Office*,

— Is-Sinjura Bente SORGENFREY, *1. vice president FH — Danish Trade Union Confederation*.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni ser tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Frar 2019.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

G. CIAMBA

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2015/1600 tat-18 ta' Settembru 2015 li taħtar il-membri tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew għall-perijodu mill-21 ta' Settembru 2015 sal-20 ta' Settembru 2020 (ĠU L 248, 24.9.2015, p. 53).

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2015/1790 tal-1 ta' Ottubru 2015 li taħtar il-membri tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew għall-perijodu mill-21 ta' Settembru 2015 sal-20 ta' Settembru 2020 (ĠU L 260, 7.10.2015, p. 23).

([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/229 tas-16 ta' Frar 2016 li taħtar membru, propost mir-Renju tad-Danimarka, fil-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (ĠU L 41, 18.2.2016, p. 22).